MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 218/2004

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1078/03 fl-ismijiet;**

**Bay Street Holdings Ltd**

**Vs**

**Electelle House Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat minn Joseph u Miriam konjugi Micallef fil-25 ta' Marzu, 2004, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew illi l-esponenti saru jafu illi permezz ta' rikors intavolat mis-socjeta' *Bay Street Holdings* Ltd. fit-22 ta' Marzu 2004, l-istess socjeta' talbet illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lill-marixxall jeleva l-oggetti maqbuda *in ezekuzzjoni* tal-mandat hawn fuq indikat, mill-pussess tas-socjeta' *Electelle House Ltd* u tordna illi dawn

jitqeghdu taht il-kustodja ta’ certu Charles Abela bhala konsennatarju, f’garaxx fi *Triq Santu Wistin, San Giljan;*

Ippremettew illi permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Marzu, 2004, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-socjeta’ *Bay Street Holdings Ltd*;

Ippremettew illi l-imsemmi mandat fil-fatt gie ezegwit fuq effetti mobbli proprjeta’ ta’ terzi, u *cioe’* proprjeta’ ta’ l-esponenti Joseph u Miriam konjugi Micallef, li huma ghal kollox estraneji ghall-pendenzi li jezistu bejn is-socjeta’ *Electelle House Limited* u s-socjeta’ *Bay Street Holdings Ltd* u m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-imsemmija socjetajiet;

Ippremettew illi l-istess mandat gie esegwit fil-fond *‘Solitaire’, Triq il-Hwawar, Iklin,* li huwa r-residenza ordinarja ta’ l-esponenti, fuq oggetti li jiffurmaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom, lista ta’ liema oggetti qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ML1;

Ippremettew illi huwa evidenti li l-oggetti maqbuda m’humiex proprjeta’ tas-socjeta’ *Electelle House Ltd,* izda proprjeta’ personali ta’ l-esponenti, konsistenti fil-maggior parti taghhom f’sodod, kcina, u ghamara ohra li lkoll jitqiesu ragonevolment mehtiega ghall-ghajxien b’mod decenti ta’ l-esponenti u tal-familja taghhom;

Ippremettew illi *ai termini* ta’ l-*Artikolu* 304(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, oggetti ragjonevolment mehtiega ghal ghajxien decenti, kif fil-fatt huma fil-maggior parti taghhom l-oggetti maqbuda, ma jistghux ikunu soggetti ghall-qbid;

Ippremettew illi *in oltre* l-esponenti ntavolaw citazzjoni fl-ismijiet Joseph u Miriam konjugi Micallef kontra *Bay Street Holdings Limited (*Cit. Nru. 19/2004 GV) quddiem din l-Onorabbli Qorti, fejn talbu, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, r-revoka tal-mandat ta’ qbid hawn fuq indikat (ara Dok. ML 2), liema kawza ghadha pendenti, u certament mhux ser tkun giet deciza qabel ma tkun saret l-elevazzjoni kif mitlub mis-socjeta’ *Bay Street Holdings*

*Limited* u akkordat minn din l-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2004.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawnhekk premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* l-imsemmi digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2004.

Rat id-digriet taghha precedenti tad-29 ta' Marzu, 2004;

Rat ir-risposta mressaq mis-socjeta' intimata fil-15 ta' April, 2004;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi (citazzjoni numru 1206/02) li gew definiti minn din il-Qorti b'decizjoni tal-11 ta' Gunju, 2003, kif ukoll l-atti tar-rikors tas-socjeta' *Electelle Limited* tat-22 ta' Awissu, 2003 (numru 866/03) li gie deciz fit-30 ta' Settembru, 2003;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi f'dawn il-proceduri r-rikorrenti konjugi Micallef qed jitolbu r-revoka ta' digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 2004, li in forza tieghu giet ordnata l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda in ezekuzzjoni tal-fuq imsemmi Mandat ta' Qbid sabiex l-istess oggetti jinghataw lill-konsenjatarju sabiex jigi minnu kustoditi sakemm jinbieghu b'subasta taht l-awtorita' tal-Qorti. Dan qed jintalab mill-konjugi Micallef peress li jallegaw li l-oggetti elevati huma, fil-fatt, proprjeta' taghhom u mhux tad-debitur tal-kreditur.

Jirrizulta fil-fatt li s-socjeta' *Bay Street Holdings Ltd* kienet giet kannonizata kreditrici tas-socjeta' *Electelle House Ltd* b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 2003, u ssussegwentament is-socjeta' kreditrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid ezekuttiv numru 1078/03; dan il-Mandat kellu jigi ezegwit fl-ufficju registrat

tal-kumpanija li hu *"Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin*. Il-Mandat gie debitament ezegwit fl-imsemmi indirizz u gew elevati diversi oggetti li l-konjugi Micallef jallegaw li huma proprjeta' taghhom. Fil-fatt, jinghad li l-fond in kwistjoni jservi wkoll bhala r-residenza ordinarja tal-konjugi Micallef. Il-konjugi Micallef resqu kawza quddiem din il-Qorti (citazzjoni numru 19/2004/GV) sabiex jigi revokat il-Mandat ta' Qbid in kwantu gew elevanti oggetti personali taghhom, liema kawza ghada pendenti.

Fil-frattemp, is-socjeta' kreditrici talbet l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda u l-hatra ta' konsenjatarju; din it-talba giet milqugha b'digriet ta' din il-Qorti tal-23 ta' Marzu, 2004. Ir-rikorrenti konjugi Micallef qieghdin, b'dawn il-proceduri, jitolbu r-revoka ta' dan id-digriet.

Il-kontestazzjoni tas-socjeta' kreditrici m'hiex bir-rispett kollu, daqstant rilevanti ghall-meritu ta' dawn il-proceduri. Hi qed tissottometti li r-rikorrenti jridu jippruvaw dak li qed jallegaw, li, f'kull kaz, huwa ezegwew il-Mandat fl-ufficju registrat tas-socjeta' debitrici u li l-oggetti maqbuda m'huwiex mehtiega ghall-ghixien decenti tad-debitur. Dawn, *pero'* , huma kwistjonijiet illi *se mai* jkunu jridu jigu diskussi fil-kawza li r-rikorrenti fethu ghal-dikjarazzjoni li l-oggetti maqbuda jappartjenu lilhom (dik bin-numru 19/04), ghax il-meritu ta' dawn il-proceduri mhux jekk l-oggetti maqbuda humiex tar-rikorrenti lanqas jekk l-oggetti humiex jew le mehtiega ghal-ghixien dicenti tad-debitur, imma jekk id-digriet tal-elevazzjoni tal-oggetti ghandux jigi revokat fid-dawl tal-pendenza tal-kawza fuq imsemmija.

Din il-Qorti tqies li l-fatt li debitur huwa residenti f'post, jintitola, huwa vera, lill-kreditur jitlob l-ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid f'dak il-fond, *pero'* ma jsegwix li kull ma jinsab f'dak il-fond huwa tad-debitur u li terzi ma jistghux jitolbu li l-oggetti maqbuda li jappartjenu lilhom jinhelsu mill-effetti tal-Mandat. Sitwazzjonijiet simili gieli jinqalghu, u jekk it-terz jipprova li, bhala fatt, l-oggetti maqbuda huma tieghu u mhux tad-debitur dawk l-oggetti jinhelsu mill-effetti tal-Mandat ta' Qbid (ara "Cutajar bs Arva Insurance Agency Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2004). Ghalhekk, jekk, ir-rikorrenti jirnexxu fil-kawza

li huma fethu, ir-rizultat ikun li l-oggetti in kwistjoni ma jibqghux aktar milquta bil-Mandat ta’ Qbid in kwistjoni numru 1078/03, u allura jaqbel li f’dan l-istadju, u sakemm tigi deciza definitivament il-kawza b’citazzjoni numru 19/04 pendenti quddiem dawn il-Qrati, li l-oggetti in kwistjoni, fil-waqt li jibqghu provisorjament milquta bil-Mandat 1078/03, ma jigux ghalissa sottratti mill-pussess tat-terz. Il-Qorti, ghalhekk, mhux sejra tirrevoka d-digriet tat-23 ta’ Marzu, 2004, izda tissospendi l-effetti tieghu sakemm tghaddi in gudikat il-kawza numru 19/04 istitwita mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tissospendi l-effetti tad-digriet ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Marzu, 2004, li in forza tieghu din il-Qorti kienet ordnat l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda bis-sahha tal-Mandat ta’ Qbid numru 1078/03 sabiex jitqieghdu taht il-kustodja ta’ konsenjatorju, u dan pendenti l-ezitu finali tal-kawza “Micallef et vs Bay Street Holdings Ltd” (citazzjoni numru 19/04/GV) pendenti quddiem dawn il-Qrati.

L-ispejjes ta’ dawn il-proceduri, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------